MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 157/2009/1

**Lambusa Maritime Company Limited**

**v.**

**Freightzone (Malta) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li s-socjeta` attrici resqet fid-19 ta' Frar 2009, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti kienu dahlu fi ftehim fejn is-socjeta` konvenuta kellha titrasporta ammont ta' merca konsistenti f'hut frisk minn Malta ghal Cipru.

“2. Illi dan il-hut gie kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta illi s-socjeta` attrici hallset pagament ta’ €1,320 akkont ghat-trasport u spejjez ancillerarji.

“3. Illi pero` fit-3 ta’ Novembru 2008 is-socjeta` konvenuta naqset li tpoggi l-hut fil-*cold rooms* apposta u naqset ukoll illi tikkonsenja l-imsemmi hut kif miftiehem u baqa’ Malta fix-xemx bil-konsegwenza illi dan il-hut gie rovinat.

“4. Illi a kawza ta’ dan is-socjeta` attrici sofriet danni.

“5. Illi in oltre s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ €4,193 rapprezentanti depositu mhallas fuq *containers* liema depositu kellu jigi rifuz mis-socjeta` konvenuta kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“i) Tiddikjara illi, a kawza tal-agir tas-socjeta` konvenuta kif hawn fuq spjegat fejn fit-3 ta’ Novembru 2008 fejn is-socjeta` konvenuta naqset li tpoggi l-hut fil-*cold rooms* apposta u naqset ukoll illi tikkonsenja l-imsemmi hut kif miftiehem, is-socjeta` attrici sofriet danni.

“ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi.

“iii) Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata.

“iv) Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ €4,193 rapprezentanti depositu mhallas fuq *containers* liema depositu kellu jigi rifuz mis-socjeta` konvenuta.

“v) Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ €4,193.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 206/09 u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija *res judicata* stante li l-mertu tal-kawza gie trattat u deciz jew seta’ jigi trattat u deciz fil-kawza fl-ismijiet “FreightZone (Malta) Limited v. Lambusa Maritime Company Limited” (Rikors Guramentat Numru 1160/2008) deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Frar 2009 (kopja informali ta’ din is-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A).

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward it-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, cioe` talbiet numru (i), (ii) u (iii) qed jigi eccepit:-

“(a) Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi kien hemm ftehim rigward transport ta’ merca f’Novembru 2008 bejn il-partijiet u mhux minnu illi kien hemm hlas ta’ €1,320 akkont tat-trasport u spejjez ancillari rigward din l-allegata konsenja f’Novembru 2008. Fil-fatt dan il-hlas gie accettat mis-socjeta` konvenuta akkont tal-kont pendenti li kien hemm dovut mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“(b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-istess socjeta` attrici kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“(c) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda obbligu illi tpoggi l-imsemmi hut fil-*cold rooms* apposta u jekk, kif

allegat, dan baqa' fix-xemx, dan zgur ma hux dovut ghal xi nuqqas tas-socjeta` konvenuta.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward it-talba ghar-rifuzjoni tas-somma ta' €4,193, cioe` talbiet numru (iv) u (v) qed jigi eccepit:

"(a) Illi qabel xejn, jigi rilevat illi s-socjeta` konvenuta ma hiex l-legittimu kontradittur u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"(b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha tirrifondi l-ebda ammont lis-socjeta` konvenuta u l-ebda ammont ma gie mhallas lilha mis-socjeta` attrici bhala depozitu f'dan ir-rigward.

"4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bbazati fuq premessi invertjieri hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kollha mressqa fil-kawza odjerna huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u huma wkoll frivoli u vessatorji kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-verbal tal-15 ta' April 2010, quddiem l-ewwel Qorti fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-gudikat;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 2010, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-gudikat imqajma mill-kumpanija konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, u ordnat it-tkomplija tas-smiegh tal-kawza fil-meritu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawża ta' danni mġarrba u rifużjoni ta' ħlas magħmul b'depożitu akkont. Il-kumpannija attriċi tgħid li kienet daħlet fi ftehim mal-kumpannija mħarrka għall-ġarr ta' merkanzija (ħut) lejn pajjiż ieħor u ħallset depożitu għal tali ġarr. Tgħid li bi ħtija tal-kumpannija mħarrka, l-ħut ma nżammx fil-kesħa u tħassar u b'hekk hi ġarrbet danni minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpannija mħarrka. Trid li tagħmel tajjeb għal din il-ħsara u li l-kumpannija mħarrka tħallasha lura somma rappreżentanti depożitu mħallas b'rabta ma' użu ta' *containers*;

"Illi għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka tilqa' billi tgħid li l-kwestjoni mqanqla mill-kumpannija attriċi ma tistax titqajjem aktar minħabba li dwarha hemm sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet u li llum saret ġudikat. Fil-mertu, ċaħdet xi ħtija dwar dak li tilminta minnu l-kumpannija attriċi u li, dwar id-depożitu għall-*containers*, ma kinitx il-persuna li messha tkun imfittxija għar-rifużjoni;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

"Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-kumpannija attriċi taħdem fil-qasam tal-esportazzjoni ta' ħut li jinxtara mingħand sajjieda Maltin biex jinbiegħ b'irkant barra minn Malta u hija żżomm kummissjoni fuq il-prezz li jinġieb[1]. Għal żmien, kienet tinqeda bis-servizzi tal-kumpannija mħarrka biex il-ħut jintbagħat barra minn Malta. F'Novembru tal-2008, l-attriċi ħadet ħsieb tibgħat barra minn Malta kunsinna ta' 'l fuq minn elf u ħamsin kilogramm ħut għal kumpannija kunsinnatarja f'Larnaca, f'Ċipru[2]. Inqdiet bis-servizzi tal-kumpannija mħarrka u ħallsitha s-somma ta' elf tliet mija u għoxrin euro (€ 1,320) b'*cheque*. Fil-każ ta' dik il-kunsinna, l-ħut kien intbagħat barra minn Malta imma ġarrab ħsara u tħallas prezz anqas minn dak li kien jinġieb kieku l-ħut wasal f'kundizzjoni tajba. Il-kumpannija attriċi tgħid li dan seħħ bi ħtija tal-kumpannija mħarrka;

[1] Affidavit ta' Angelik Mifsud f'paġ. 19 tal-proċess
[2] Dokti "E" u "F", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess

"Illi f'Novembru tal-2008, il-kumpannija mħarrka kienet fetħet kawża kontra l-kumpannija attriċi bil-proċedura sommarja speċjali[3] għall-ħlas ta' bilanċ ta' *freight forewarding* u servizzi minnha mogħtijin lill-istess kumpannija attriċi bejn Ġunju u Ottubru ta' dik is-sena. F'parti mill-prospett dwar il-bilanċ lilha dovut[4], il-kumpannija mħarrka għaddet ukoll il-ħlas ta' elf tliet mija u għoxrin euro (€ 1,320) li kien sarilha mill-kumpannija attriċi. Il-kawża nqatgħet fis-17 ta' Frar, 2009[5], fil-kontumaċja tal-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi ħallset is-somma kanonizzata[6]. Jumejn wara li ngħatat dik is-sentenza, il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat jingħad minnufih li eċċezzjoni bħal din tirnexxi biss jekk kemm-il darba jkunu jirriżultaw l-elementi magħrufa wara li jsir tqabbil bejn it-talbiet magħmula f'din l-azzjoni u dawk li kienu saru fil-proċeduri li issa qiegħed jingħad li joħolqu x-xkiel tal-ġudikat. L-elementi magħrufa f'eċċezzjoni tal-ġudikat huma stabiliti mid-duttrina;

"Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

"Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

---

[3] Rik. Nru. 1160/08GV
[4] Ara paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[5] Paġġ. 55 – 6 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Angelic Mifsud 18.2.2010, f'paġ. 58 tal-proċess

"Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[7], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[8];

"Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[9];

"Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[10] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[11];

"Illi ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-element tal-identita' tal-persuni, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[12];

---

[7] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)

[8] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)

[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija

[10] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);

[11] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)

[12] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)

"Illi għalhekk jirriżulta li dan l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa soddisfatt;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[13]. Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[14];

"Illi minn dak li joħroġ minn qari tar-Rikors Maħluf, l-azzjoni hija waħda ta' danni u kif ukoll ta' rifużjoni ta' ammont imħallas bħala depożitu. Il-kumpannija attriċi tqiegħed iż-żewġ pretensjonijiet fil-qafas tar-rapporti kuntrattwali li kienu jeżistu bejnha u l-kumpannija mħarrka. Għalhekk, il-bażi tal-pretensjonijiet attriċi hija l-inadempiment kuntrattwali u mhux id-delitt jew il-kważi delitt (akwiljan);
"Illi fil-kawża li l-kumpannija mħarrka kienet fetħet kontra l-kumpannija attriċi tal-lum, il-pretensjonijiet kienu mibnija fuq servizzi mogħtijin sa Ottubru, 2008. Il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi f'din il-kawża jinbnew fuq allegat kuntratt ta' trasport ta' kunsinna ta' ħut f'Novembru ta' dik is-sena. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-ħlas ta' elf u tliet mija u għoxrin euro kien sar lill-kumpannija mħarrka dak inhar li qabbditha biex toħdilha ħsieb tispedixxi l-kunsinna tal-ħut lejn Ċipru, filwaqt li l-kumpannija mħarrka tiċħad li hija kienet tassew tqabbdet tagħmel dan u li dak il-ħlas kien jirrappreżenta biss ħlas akkont minn bilanċ li kien lilha dovut qabel dak inhar;

"Illi, fid-dawl ta' din il-kontestazzjoni, madankollu, l-Qorti tqis li l-kumpannija mħarrka ma tistax tinqeda b'dak il-ħlas

---

[13] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[14] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***

bħala raġuni tajba biex toqtol il-pretensjonijiet dwar danni tal-kumpannija attriċi f'din il-kawża. Ir-*res* tal-kawża li dwarha ngħatat is-sentenza ta' qabel kienet il-bilanċ dovut lill-kumpannija mħarrka mill-kumpannija attriċi, iżda r-*res* li jsejjes l-azzjoni attriċi llum hija ċirkostanza li ma kienet bl-ebda mod maħsuba meta tressqet dik il-kawża jew determinata bis-sentenza li ngħatat. Il-fatt li l-kumpannija mħarrka tikkontesta bil-qawwa kollha li hija tassew li ngħatat inkarigu mill-kumpannija attriċi f'Novembru tal-2008, ma jikkostitwix minn issa raġuni li torbot lil din il-Qorti biex issib li l-kwestjoni kienet diġa' mistħarrġa jew inkluża fil-kawża ta' qabel;

"Illi, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel ukoll, fejn l-identita' tal-ħaġa li tintuża biex issejjes l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma toħroġx daqshekk ċara, allura f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni għandha titwarrab;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-element tal-eċċezzjoni taħt eżami ma jirriżultax;

"Illi l-istess jista' jingħad dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

"Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u

ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[15];

"Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[16] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[17];

"Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet <u>*Grima vs Fava et*</u>[18] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

"Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[19] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

"Illi jekk wieħed iqis li s-sentenza li l-kumpannija mħarrka tistrieħ fuqha biex issostni l-eċċezzjoni tagħha ma fiha l-ebda konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet elaborati, imma biss ittenni li, fin-nuqqas ta' konteatazzjoni, tilqa' t-talba kif dedotta, qajla jista' jingħad li dak li ġie determinat kien aktar minn ddak li ntalab. Dak li ntalab kien biss il-ħlas ta' kreditu dovut sa data partikolari. Dik id-data partikolari kienet data li ma taqbadx fiha ż-żmien meta

[15] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[16] Art. 218 tal-Kap 12;
[17] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)
[18] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[19] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.

allegatament seħħet il-ġrajja li fuqha l-kumpannija attriċi f'din il-kawża tibni l-azzjoni tagħha;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li jonqos ukoll it-tielet element meħtieġ biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt eżami;"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"...tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Mejju 2010 u bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici appellata li hija ngunta ghas-subizzjoni."

Semghet lid-difensuri taz-zewg partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-ghan ta' din il-kawza huwa duplici. Fl-ewwel lok, is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' danni konsegwenza tal-fatt li s-socjeta` konvenuta, li kellha twassal konsenja hut minn Malta ghal Cipru, fit-3 ta' Novembru 2008, naqset milli tpoggi l-hut fil-*cold rooms* apposta, bir-rizultat li l-konsenja hzienet. Fit-tieni lok, qed titlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' €4,193, rapprezentanti depositu mhallas fuq *containers*, liema depozitu kellu jigi rifuz.

Ghal dawn iz-zewg talbiet, is-socjeta` konvenuta, in linea preliminari, eccepiet il-gudikat minhabba sentenza fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1160/08) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 2009. F'dik il-kawza, li kienet giet ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2008, is-socjeta` FreightZone (Malta) Ltd, talbet il-hlas ta' €16,057.77 "rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' servizzi ta' *freight forwarding* u servizzi relatati mal-istess, rezi mis-socjeta` attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta." Din l-ahhar socjeta` baqghet

kontumaci f'dik il-kawza, u l-Qorti sabet favur il-pretensjoni attrici.

Jumejn wara l-ghoti ta' din is-sentenza, is-socjeta` Lambusa Maritime Co. Ltd fethet din il-kawza fejn qed titlob danni u r-rifusjoni tad-depositu, kif inghad aktar qabel. Is-socjeta` FreightZone (Malta) Ltd eccepiet il-gudikat, liema eccezzjoni giet michuda mill-ewwel Qorti peress li ma rrizultalhiex li kienu jikonkorru l-elementi tal-identita` tal-haga u tat-talba *(eadem res u eadem causa petendi).*

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u tissottometti li z-zewg kwistjonijiet imqanqla f'din il-kawza kellhom jitresqu bhala difiza jew b'kontro-talba fil-kawza l-ohra, u ghalhekk jezisti l-gudikat.

Trattat l-aggravji, il-Qorti tirrileva li l-aspetti legali li jirregolaw l-eccezzjoni marbuta mal-gudikat gew ben esposti mill-ewwel Qorti fil-parti tas-sentenza li fiha l-konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti legali taghha, u ma tarax il-htiega li toqghod hi wkoll tirrifletti dwar dan. Li ghandu jinghad b'zieda, ghax dan hu importanti ghal fini ta' din il-kawza, hu li l-gudikat jolqot mhux biss il-kwistjonijiet li gew sollevati f'kawza deciza precedentement, izda wkoll kwistjonijiet li setghu jigu sollevati bhala parti mid-difiza ghat-talbiet attrici; il-gudikat jolqot mhux biss id-dedott imma wkoll id-deducibbli. Dan hu principju li ilu li gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana (ara per ezempju, **Bonello v. Bonello**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu 1950, **Bajada et v. Castillo et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Lulju 2009, u **Julian's Farmhouses Co. Ltd v. Sultana et**, deciza mill-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Superjuri) ((Ghawdex) fil-21 ta' April 2008).

Hi l-fehma ta' din il-Qorti, li l-ewwel kwistjoni li hi l-meritu ta' din il-kawza (hsara fil-konsenja tal-hut) setghet u messa giet mqanqla fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet. Fil-kawza l-ohra s-socjeta` FrieghtZone (Malta) talbet hlas ghas-servizzi rezi. Dik il-kawza infethet fil-21 ta' Novembru 2008. Il-bilanc mitlub ta' €16,057, kien ikopri

servizzi rezi u pagamenti akkont minn Gunju 2008 sat-3 ta’ Novembru 2008. F’dik il-kawza l-allegat hsara li sehhet fuq il-konsenja tat-3 ta’ Novembru 2008, setghet tigi kkunsidrata. Bejn il-partijiet kien hemm rabta kuntrattwali li kienet tinvolvi diversi konsenji ta’ hut, u t-talba li saret fil-kawza l-ohra kienet wahda ghall-bilanc tal-prezz ta’ diversi konsenji. L-allegati nuqqasijiet f’konsenja partikolari kienet tkun difiza ghat-talba, ghax min jitlob hlas ta’ servizz, irid juri li wettaq dak is-servizz u skont l-arti u s-sengha tal-mestier. Kieku giet sollevata din id-difiza, il-Qorti kienet tkun kostretta tidhol fiha u tara x’tip ta’ servizz gie res, b’mod li jekk issib li kien hemm mankanza serja fl-ghoti tas-servizz, tkun tista’ tnaqqas mill-prezz mitlub jew sahansitra tichad it-talba ghall-kwalunkwe hlas.

Anke jekk is-socjeta` issa konvenuta tichad kull taghrif dwar il-konsenja tat-3 ta’ Novembru 2008, jibqa’ l-fatt li hu allegat li fuq din il-konsenja partikolari kien sar depositu ta’ €1,320 <u>li hu inkorporat fil-prospett li kien jifforma parti mill-kawza precedenti</u>, u kwindi l-meritu ta’ dak il-hlas kien marbut direttament mat-talba attrici f’dik il-kawza. La darba l-kwistjoni ma gietx sollevata f’dik il-kawza, ma tistax isservi bhala bazi ta’ azzjoni ohra.

Il-kwistjoni tar-rifusjoni tad-depositu hija differenti. Veru li din il-pretensjoni kienet tezisti fi zmien li infethet il-kawza precedenti, pero`, ma kienitx marbuta <u>direttament</u> mat-talba ghall-hlas. Din il-kwistjoni ma setghetx titqajjem bhala eccezzjoni ghat-talba, ghax anke jekk l-intenzjoni tkun ta’ tpacija, <u>bhala difiza</u>, il-gurisprudenza hi cara li, biex tkun ammessa, il-kreditu pretiz kellu jkun ta’ dejn cert, likwidu u esigibbli (ara, per ezempju, **Cauchi v. HSBC Bank (Malta) plc**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fid-19 ta’ Frar 2010, u **Fenech v. Steiner**, deciza mill-istess Qorti fis-7 ta’ Lulju 2010).

F’dan il-kaz, l-allegat kreditu ma hux esigibbli u hu kontestat, u allura l-pretensjoni setghet titressaq biss tramite kontro-talba, u din il-possibilta` ma twassalx ghal gudikat. Il-possibilta` ta’ konvenut f’kawza li jressaq pretensjoni b’kontro-talba, ma ccahdux milli jressaq l-

istess pretensjoni b'kawza *ad hoc* jekk jonqos li jmexxi bil-kontro-talba. L-eccezzjoni tal-gudikat tolqot kwistjonijiet li setghu jew messhom gew sollevati fil-kawza bhala bazi ghall-azzjoni jew tad-difiza; ma tolqotx kwistjonijiet li, peress li huma derivanti mill-istess fatt jew marbuta mal-istess, setghu tressqu b'kontro-talba fil-kawza, izda ma tresqux. Il-kwistjonijiet jistghu jkunu marbuta mal-istess "qafas tar-rapport kontratwali" li kellhom il-partijiet, pero`, jekk allegazzjoni mhux direttament marbuta mat-talbiet kif proposti minn parti, ma tkunx tista' isservi ta' difiza ghalkemm tkun tista' titressaq mill-parti l-ohra fl-istess kawza bil-procedura ta' rikonvenzjoni. Jekk din l-ahhar possibilta` ma tigix utilizzata, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut ikun msikket milli jressaq il-pretenzjoni biex tigi diskussa f'kawza *ad hoc*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess biss in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermha fejn cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-gudikat relatata mat-talbiet (iv) u (v), pero`, tirrevoka u thassar l-istess sentenza fejn cahdet l-istess eccezzjoni marbuta mat-talbiet l-ohra, u tiddikjara li, fil-konfront tat-talbiet (i), (ii) u (iii) attrici jezisti impediment ta' gudikat u, ghalhekk il-Qorti ghandha tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghhom.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz relatata biss mat-talbiet (iv) u (v) tas-socjeta` attrici.
L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------